

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tat-28 ta' Novembru 2018;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara t-trade mark inkwistjoni valida;
- tordna lill-EUIPO u l-intervenjenti jbatu l-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' April 2020 – Chatwal vs EUIPO – Timehouse Capital (THE TIME)**

**(Kawża T-186/20)**

(2020/C 191/46)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorreni: Chatwal Hotels & Resorts LLC (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: N. Hine, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Timehouse Capital GmbH (Grasbrunn, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorreni

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni “THE TIME” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 614 471

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Jannar 2020 fil-Każ R 2264/2018-1

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tirrifjuta l-oppożizzjoni;
- taċċetta l-applikazzjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u/jew lill-parti l-oħra għall-ispejjeż imġarrba mir-rikorreni.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' April 2020 – Davide Groppi vs EUIPO – Viabizzuno (Lampade)****(Kawża T-187/20)**

(2020/C 191/47)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan***Partijiet**

*Rikorrenti:* Davide Groppi Srl (Piacenza, l-Italja) (rappreżentanti: F. Boscariol de Roberto, D. Capra u V. Malerba, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Viabizzuno Srl (Bentivoglio, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż:* ir-rikorrenti

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* id-disinn tal-Unjoni Ewropea Nru 2 503 680-0001

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Jannar 2020 fil-Każ R 126/2019-3

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem l-EUIPO u lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 6 u tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta April 2020 – Chiquita Brands vs EUIPO – Fyffes International (HOYA)****(Kawża T-189/20)**

(2020/C 191/48)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Chiquita Brands LLC (Fort Lauderdale, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentant: W. Pors, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Fyffes International Unlimited Company (Dublin, l-Irlanda)